2024/1605

31.5.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/1605

tal-31 ta' Mejju 2024

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għal gruppi u entitajiet armati fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għal gruppi u entitajiet armati fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532.

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 u t-22 ta' Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-aċċess tar-Russja għal oġġetti u teknoloġiji sensittivi b'rilevanza għall-kampijiet tal-battalja jrid ikun ristrett kemm jista' jkun, inkluż billi jiġu mmirati entitajiet f'pajjiżi terzi li jippermettu iċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet. Il-Kunsill Ewropew appella lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Barranija u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Kummissjoni biex iħejju aktar sanzjonijiet, b'mod partikolari kontra l-Iran. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-Unjoni ser tkompli taħdem b'mod intensiv mas-sħab reġjonali u internazzjonali biex tipprevjeni eskalazzjoni reġjonali ulterjuri, b'mod partikolari fil-Libanu u l-Baħar l-Aħmar. Il-Kunsill Ewropew appella lill-atturi kollha, partikolarment l-Iran, biex iżommu lura minn azzjonijiet eskalatorji.

(3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' April 2024, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa u b'mod inekwivoku l-attakk Iranjan fuq Iżrael u tenna s-solidarjetà sħiħa tiegħu mal-poplu ta' Iżrael u l-impenn tiegħu għas-sigurtà ta' Iżrael u għall-istabbiltà tar-reġjun. Il-Kunsill Ewropew appella lill-Iran u lill-forzi bi prokura tiegħu biex iwaqqfu l-attakki kollha u ħeġġeġ lill-partijiet kollha jeżerċitaw l-akbar trażżin u joqogħdu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' żżid it-tensjonijiet fir-reġjun. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew iddikjaraw li l-Unjoni jenħtieġ li tieħu aktar miżuri restrittivi kontra l-Iran, b'mod partikolari fir-rigward tal-vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) u l-missili. Fl-aħħar nett, il-Kunsill Ewropew tenna li l-Unjoni tibqa' impenjata bis-sħiħ li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tensjoni u għas-sigurtà fir-reġjun.

(4) Ir-Russja qed tuża UAVs prodotti mill-Iran b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, li tikser is-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, inkluż kontra l-persuni ċivili u l-infrastruttura ċivili. Il-programm Iranjan sponsorjat mill-Istat għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' UAVs għalhekk jikkontribwixxi għall-ksur tal-Karta tan-NU u tal-prinċipji fundamentali tad-dritt internazzjonali.

(5) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li sitt persuni u tliet entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532.

(6) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 huwa emendat kif jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 186, 25.7.2023, p. 20.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LAHBIB

ANNESS

L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532:

Persuni

	Ismijiet (Traslitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"7.	Mohammad-Reza Gharaei ASHTIANI	محمد رضا قرایی آشتیانی (Ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): Ministru għad-Difiża tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran Data tat-twelid: 1960 Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL)	Mohammad-Reza Gharaei Ashtiani ilu l-Ministru għad-Difiża tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran minn Awwissu 2021 u għalhekk huwa responsabbli għall-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) elenkat mill-UE. MODAFL huwa responsabbli għall-ippjanar, il-loġistika u l-finanzjament tal-Forzi Armati tal-Iran. Huwa wkoll attur ewlieni fl-industrija tad-difiża tal-Iran b'għadd ta' konglomerati u subordinati attivi fir-riċerka u l-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-manifattura ta' tagħmir militari, inkluż il-manifattura ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs). MODAFL huwa involut ukoll fl-istabbiliment ta' impjant konġunt għall-produzzjoni ta' UAVs u l-bejgħ ta' UAVs lir-Russja bil-ħsieb tal-użu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Bħala Ministru għad-Difiża, Ashtiani huwa direttament involut fil-programm UAV tal-Iran u huwa involut fit-trasferiment tal-UAVs tal-Iran lejn ir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.	31.5.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
8.	Gholam Ali RASHID magħruf ukoll bħala Gholamali RASHID	غلامعلی رشید (Ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): Kmandant tal-IRGC tal-Khatam al-Anbia Central Headquarters (KCHG) Data tat-twelid: 1953 Post tat-twelid: Dezful, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Khatam al-Anbiya Central Headquarters (KCHG)	Gholam Ali Rashid ilu l-kmandant tal-Khatam al-Anbiya Central Headquarters (KCHG) elenkata mill-UE minn Ġunju 2016. Il-KCHG hija l-entità ċentrali fil-katina ta' kmand tal-forzi armati tal-Iran li tagħmel deċiżjonijiet militari operazzjonali, kif ukoll tikkoordina bejn l-armata konvenzjonali tal-Iran (Artesh) u l-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC), li t-tnejn li huma jakkwistaw kif ukoll jiskjeraw vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs). Il-missjoni tal-KCHG hija li tissorvelja l-operazzjonijiet offensivi u difensivi, inkluż permezz tal-kwartieri ġenerali reġjonali u tematiċi tagħha bħal dawk fil-Golf Persjan jew fil-Golf tal-Oman, li jirrapportaw lill-kwartieri ġenerali ewlenin. Hija responsabbli wkoll għall-ippjanar u l-koordinazzjoni ta' operazzjonijiet militari konġunti, inkluż provi. Gholam Ali Rashid issorvelja l-iskjeramenti tal-UAV u għamel superviżjoni tat-tħejjija tal-kamp tal-battalja tal-UAV fi provi u eżerċizzji. Khatam al-Anbiya Central Headquarters tieħu preċedenza fuq l-IRGC u Artesh fil-katina tal-kmand, u għaldaqstant tissorvelja l-forzi armati kollha tal-Iran, l-intelligence u l-Khatam al-Anbiya Construction Headquarters elenkata mill-UE, bir-riżultat li Khatam al-Anbiya Construction Headquarters qiegħda fil-qalba tal-forzi militari tal-Iran u għalhekk hija involuta fit-trasferiment ta' UAVs lejn ir-Russja u gruppi armati fil-Lvant Nofsani u r-reġjun tal-Baħar l-Aħmar. Gholam Ali Rashid huwa għalhekk involut fil-programm UAV tal-Iran u fit-trasferiment ta' UAVs lir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet li jdgħajfu l-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u r-reġjun tal-Baħar l-Aħmar.	31.5.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
9.	Hossein Hatefi ARDAKANI magħruf ukoll bħala Hasan HASHEM; Hossein Hatafi ARDAKANI Hossein Hatfi ARDAKANI	حسین هاتفی اردکانی (Ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): President tal-bord tad-diretturi ta' Kavan Electronics Behrad LLC; Aġent tal-akkwist pubbliku għall-IRGC, aġent tal-akkwist għall-IRGC, Data tat-twelid: 21.9.1985 Post tat-twelid: Ardakan, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-passaport: U34290111 (Iran); 4449916581 (Iran) Entitajiet assoċjati: Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO); Kavan Electronics Behrad LLC Individwi assoċjati: Mehdi Dehghani MOHAMMADABADI	Hossein Hatefi Ardakani jservi bħala President tal-bord tad-diretturi u huwa azzjonist ta' Kavan Electronics Behrad LLC, ibbażata fl-Iran u elenkata mill-UE. Bl-użu ta' network kumpless ta' kumpaniji fittizji u barranin, inkluż Kavan Electronics Behrad LLC elenkata mill-UE, Ardakani jappoġġa l-isforzi tal-IRGC SSJO fil-kisba ta' oġġetti kruċjali għall-produzzjoni tal-UAV. Bħala President tal-bord ta' Kavan Electronics Behrad LLC, huwa responsabbli għat-tmexxija tal-bord tal-kumpanija, id-definizzjoni tal-objettivi strateġiċi tagħha u s-sorveljanza tan-negozju tagħha, u b'hekk huwa involut fit-trasferiment tal-UAVs tal-Iran lejn ir-Russja. Għalhekk Hossein Hatefi Ardakani qed jappoġġa l- -programm UAV tal-Iran. Huwa involut ukoll fit-trasferiment tal-UAVs tal-Iran lejn ir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.	31.5.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
10.	Mehdi Dehghani MOHAMMADABADI	مهدی دهقانی محمدآبادی (Ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): CEO ta' Kavan Electronics Behrad LLC Data tat-twelid: 23.9.1982 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-passaport: 4433172081 (Iran) Entitajiet assoċjati: Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO); Kavan Electronics Behrad LLC Individwi assoċjati: Hossein Hatefi ARDAKANI	Mehdi Dehghani Mohammadabadi jservi bħala uffiċjal kap eżekuttiv (CEO), membru tal-bord tad-diretturi, kif ukoll azzjonist ta' Kavan Electronics Behrad LLC ibbażata fl-Iran u elenkata mill-UE. Kavan Electronics Behrad LLC hija kumpanija involuta fil-provvista ta' oġġetti ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot (UAV) lill-Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO) elenkata mill-UE. Bħala CEO, huwa responsabbli għall-ġestjoni u t-tmexxija tal-kumpanija. Bħala membru tal-bord, huwa involut fid-deċiżjonijiet sinifikanti kollha li tieħu l-kumpanija. Għalhekk huwa involut fit-trasferiment tal-UAVs tal-Iran lejn ir-Russja. Għalhekk Mehdi Dehghani Mohammadabadi huwa involut fil-programm UAV tal-Iran. Huwa involut ukoll fit-trasferiment tal-UAVs tal-Iran lejn ir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.	31.5.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
11.	Ismail QAANI magħruf ukoll bħala Esma'il QANI; Esmaeil GHA'ANI; Esmaeil GHAANI; Esmail QA'ANI; Ismail Akbar QAANI	اسماعیل قاآنی (Ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): Kmandant tal-IRGC Qods Force Data tat-twelid: 8.8.1957 Post tat-twelid: Mashad, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Numru tal-passaport: D9003033; D9008347 Entitajiet assoċjati: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC); IRGC-Qods Force	Ismail Qaani huwa l-Kmandant tal-Islamic Revolutionary Guard Corps Qods Force (IRGC-QF) elenkata mill-UE. L-IRGC-QF hija responsabbli għall-orkestrazzjoni ta' network ta' milizzji reġjonali li estendew b'mod aggressiv l-influwenza militari tal-Iran madwar id-dinja Għarbija f'dawn l-aħħar deċennji. Taħt il-kmand ta' Qaani, l-IRGC-QF tiffaċilita u tappoġġa attakki ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot (UAV) u ta' missili billi tittrasferixxi armi Iranjani lejn milizzji fil-Lvant Nofsani u r-reġjun tal-Baħar l-Aħmar. Taħt l-ordnijiet ta' Qaani, l-IRGC-QF tiffaċilita u tappoġġa l-attakki tad-droni u tal-missili mill-Houthis. Għalhekk, fil-kapaċità tiegħu bħala mexxej tal-IRGC-QF, Ismail Qaani huwa involut fit-trasferiment tal-missili u l-UAVs tal-Iran lil gruppi armati u entitajiet li jdgħajfu l-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u r-reġjun tal-Baħar l-Aħmar.	31.5.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
12.	Afshin Khaji FARD	افشین خواجه فرد (Ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): Kap tal-Iranian Aviations Industries Organization (IAIO) Post tat-twelid: Abadan, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Nru tal-ID nazzjonali: 1819457850 Entitajiet assoċjati: Iranian Aviations Industries Organization (IAIO); Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL)	Afshin Khaji Fard huwa l-kap tal-Iranian Aviations Industries Organization (IAIO) elenkata mill-UE, kumpanija tal-Istat taħt l-awtorità tal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) elenkat mill-UE. L-IAIO hija responsabbli għall-ippjanar u l-ġestjoni tal-industrija tal-avjazzjoni militari tal-Iran, inkluż l-iżvilupp ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot (UAVs). Fil-kapaċità tiegħu bħala kap tal-IAIO, Fard ippromwova pubblikament l-industrija tal-UAV tal-Iran u spiss iddikjara li l-IAIO hija involuta b'mod attiv fl-innovazzjoni tal-UAVs tal-Iran. Għalhekk Afshin Khaji Fard qed jappoġġa u huwa involut fil-programm UAV tal-Iran.	31.5.2024”

Entitajiet

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
“6.	Khatam al-Anbiya Central Headquarters (KCHG) magħrufa wkoll bħala Khatam al-Anbiye Central Headquarters; KACHQ	قرارگاه مرکزی خاتم‌الانبیا (ص) (Ortografija Farsi)	Tip ta’ entità: entità tal-gvern Entitajiet assoċjati: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Individwi assoċjati: Gholam Ali RASHID (kmandant tal-KCHG)	Il-Khatam al-Anbiya Central Headquarters (KCHG) hija l-entità ċentrali fil-katina ta’ kmand tal-forzi armati tal-Iran li tagħmel deċiżjonijiet militari operazzjonali, kif ukoll tikkoordina bejn l-armata konvenzjonali tal-Iran (Artesh) u l-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC), li t-tnejn li huma jakkwistaw kif ukoll jiskjeraw vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs). Il-missjoni tal-KCHG hija li tissorvelja l-operazzjonijiet offensivi u difensivi, inkluż permezz tal-kwartieri ġenerali reġjonali u tematiċi tagħha bħal dawk fil-Golf Persjan jew fil-Golf tal-Oman, li jirrapportaw lill-kwartieri ġenerali ewlenin. Hija responsabbli wkoll għall-ippjanar u l-koordinazzjoni ta’ operazzjonijiet militari konġunti, inkluż provi. Il-KCHG hija mmexxija mill-kmandant tal-IRGC Gholam Ali Rashid elenkat mill-UE, li ssorvelja l-iskjeramenti tal-UAV u għamel superviżjoni tat-tħejjija tal-kamp tal-battalja tal-UAV fi provi u eżerċizzji. Khatam al-Anbiya Central Headquarters tieħu preċedenza fuq l-IRGC u Artesh fil-katina tal-kmand, u għaldaqstant tissorvelja l-forzi armati kollha tal-Iran, l-intelligence u l-Khatam al-Anbiya Construction Headquarters elenkata mill-UE, bir-riżultat li -Khatam al-Anbiya Construction Headquarters qiegħda fil-qalba tal-forzi militari tal-Iran u għalhekk hija involuta fit-trasferiment ta’ UAVs lejn ir-Russja b’appoġġ għall-gwerra ta’ aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u lil gruppi u entitajiet armati li jdgħajfu l-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u r-reġjun tal-Baħar l-Aħmar. Barra minn hekk, il-KCHG hija involuta fil-programm UAV tal-Iran.	31.5.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
7.	Kavan Electronics Behrad LLC magħrufa wkoll bħala Kavan Electronics; Kavan Electronic co. LTD; Kavan Electronic Company; Kavan Electronic Sadr Aria Engineering Limited Liability Company	شرکت تیلویسماب تکدود کاوان الکترونیک براه (Ortografija Farsi)	Indirizz: No. 63, Unit 4, Shahrara, Patrice Lumumba St., Abshori Sharghi St., Tehran 144593491, Iran Tip ta' entità: kumpanija b'responsabbiltà limitata (LLC) Post tar-reġistrazzjoni: Iran Data tar-reġistrazzjoni: 13.7.2016 Numru tar-reġistrazzjoni: 495080 (Iran) Numru tal-identità nazzjonali: 14005997725 (Iran) Post prinċipali tan-negozju: Iran Entitajiet assoċjati: Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO) Individwi assoċjati: Hossein Hatefi ARDAKANI (President tal-Board of Directors); Mehdi Dehghani MOHAMMADABADI (CEO)	Kavan Electronics Behrad LLC hija kumpanija bbażata fl-Iran li takkwista u tbigħ servomuturi u komponenti rilevanti oħrajn għall-manifattura ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot (UAV) lill-Islamic Revolutionary Guard Corps Research and Self-Sufficiency Jihad Organization (IRGC SSJO) elenkata mill-UE. Il-President tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija huwa Hossein Hatefi Ardakani elenkat mill-UE, li jissorvelja network ta' akkwist tranżnazzjonali li jkopri l-Lvant Nofsani u l-Asja tal-Lvant, li jaqdi l-produzzjoni ta' UAVs issorveljata mill-IRGC SSJO. Għalhekk Kavan Eletronics Behrad LLC hija involuta fil-programm UAV tal-Iran. Hija involuta wkoll fit-trasferiment tal-UAVs tal-Iran lejn ir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.	31.5.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
8.	Islamic Revolutionary Guard Corps Navy (IRGCN) magħrufa wkoll bħala Nirooy-e Daryaei-e Sepah; NEDSA	نیروی دریایی سپاه پاسداران انقلاب اسلامی (Ortografija Farsi)	Tip ta' entità: entità tal-gvern Post tar-reġistrazzjoni: Bandar Abbas, Iran Data tar-reġistrazzjoni: 1981 Post prinċipali tan-negozju: Iran Entitajiet assoċjati: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guard Corps Navy (IRGCN) hija parti mill-IRGC, u tinkludi diviżjoni tal-vetturi tal-ajru mingħajr bdot (UAVs) u diviżjoni tal-missili. L-IRGC Navy hija mgħammra b'UAVs u missili Iranjani u tinvolvi ruħha f'metodi ta' gwerra asimetriċi. L-IRGC Navy għandha Akkademja Navali li fiha tipprovdi taħriġ dwar l-isparar ta' missili kontra l-vapuri u t-tħaddim ta' UAVs. Milizzji u forzi bi prokura appoġġati mill-Iran huma mħarrġa fl-Akkademja Navali. L-IRGC Navy hija involuta fil-faċilitazzjoni tat-trasport ta' armi Iranjani, inkluż UAVs u missili Iranjani. Dawk il-missili u l-UAVs huma skjerati minn gruppi armati bħall-Houthis u l-Hezbollah biex idgħajfu l-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u r-reġjun tal-Baħar l-Aħmar. Għalhekk, l-IRGC Navy hija involuta fil-programmi tal-UAVs u l-missili tal-Iran u involuta fit-trasferiment tal-missili tal-Iran lil gruppi armati u entitajiet li jdgħajfu l-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u r-reġjun tal-Baħar l-Aħmar.	31.5.2024"